**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Galea]**

**vs**

**Johan Sciberras**

**Kumpilazzjoni Numru: 420/2020**

**Illum, 4 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Johan Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 0620882M:

Akkuzat talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2020, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30hrs) u fiz-

zminijiet ta' qabel li kien fi Block A 6 Triq Pietru D'Armenia, Pembroke u fi bnadi ohra gewwa l-gzejjer Maltin,

1. B'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bl-imgieba tieghu ikkaguna, anke permezz ta' arma u cioe' harpun, lil Josica Tabone ko-abitanta mieghu u siehba tieghu l-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet taghha jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2020, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30hrs) waqt li kien fi Block A 6 Triq Pietru D'Armenia, Pembroke ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lil Josica Tabone, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
3. U aktar talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2020, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30hrs)

waqt li kien fi Block A 6 Triq Pietru D'Armenia, Pembroke volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' erbgha (4) letter boxes u bieb ta' residenza fl-imsemmi fond, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) ghad-dannu ta' Josica Tabone, l-assocjazzjoni tal-komdominju, resident fl-imsemmija blokka u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2020, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30hrs) waqt li kien fi Block A 6 Triq Pietru D'Armenia, Pembroke b'xi mod iehor mhux imsemmi bandohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. U aktar talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2020, ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30hrs) waqt li kien fi Block A 6 Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, garr 'il barra min xi fond jew id-dintorni tieghu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josica Tabone jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' proezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 251B(1), 222(1), 251H(a) u (g), 339(1)(e), 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti qed issib lill-imputat Johan Sciberras hati tal-akkuzi kollha u stante li t-tielet (3) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza u stante li t-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi huma assorbiti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u 28G tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), filwaqt li tordna l-konfiska tal-arma esebita Dok. MG10.

Il-Qorti wkoll qed timponi Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) u liema ordnijiet ghandhom jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**